Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 224/2016/1

**John Baldacchino u Doris Baldacchino (appellati)**

**Vs**

**Bajada New Energy Limited (appellant)**

8 ta' Marzu, 2019.

1. Il-kawza titratta talba ghall-hlas ta' hamest elef ewro (€5,000) rapprezentanti prezz li thallas lill-konvenuta ghax-xiri ta' *solar panels*, u li rrizultaw li m'humiex tal-kwalita' pattwita.

2. B'sentenza tal-21 ta' Gunju, 2018 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqa' t-talba wara li ddetermina li l-panelli kellhom difett. It-Tribunal ghamel riferenza ghar-rapport tal-perit tekniku Michael Attard (fol. 103):

> *"..... fejn ikkonkluda li l-hsara li wiehed jista' josserva fuq il-PV modules li gew installati hija rizultat tad-difett li l-bidu tieghu huwa fil-manifattura tal-pannelli jibqa' jikber biz-zmien ghaliex is-snails jibqghu jizviluppaw u jersqu aktar lejn xulxin bl-effett li joholqu aktar short circuits bir-rizultat li l-yield tal-installazzjoni tal-PV tonqos aktar"*.

3. Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

   i. Fid-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghar-rigward tal-'kontumacja' tas-socjeta' konvenuta;
   ii. Fl-obbligu tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar li jqajjem eccezzjonijiet ta' ordni pubbliku *ex officio*, senjatament l-obbligu li jassigura li ghandu l-kompetenza necessarja sabiex jisma' u jiddeciedi l-kawza;
   iii. Fin-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar sabiex jiddeciedi l-kawza;
   iv. Fl-irritwalita' tal-azzjoni tal-atturi:- L-improponibilita' ta' din l-azzjoni wara l-konsenja/installazzjoni tal-pannelli in kwistjoni stante li, kif ikkonfermat mill-atturi stess waqt is-smiegh tal-procedimenti relattivi, is-*solar panels* in kwistjoni kienu gew ikkonsenjati lilhom nhar l-ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (20.06.2014);
   v. Fl-irritwalita' u l-improponibilita' tal-azzjoni tal-atturi intiza ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt ta' bejgh relattiv, kif ukoll l-improponibilita' taghha in vista tan-nuqqas ta' depozitu tal-oggetti formanti l-mertu tal-kawza odjerna;

vi. Fejn it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar m'ghandux il-kompetenza *ratione materiae* necessarja sabiex jippronunzja ruhu, jew, sahansitra, li jordna, ir-restituzzjoni tal-pannelli mertu tal-kawza relattiva fid-dawl tal-akkoljiment tat-talba tal-atturi;
vii. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe valur probatorju tar-rapport tal-Inginier Michael Attard, kif ukoll in-nuqqas ta' rizultanzi probatorji ohra;

4. L-atturi wiegbu u taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

5. **<u>Kontumacja quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.</u>**

5.1 B'decizjoni tal-15 ta' Dicembru, 2016 it-Tribunal iddecieda li s-socjeta' konvenuta hi kontumaci.

5.2 Jirrizulta li l-konvenuta kienet notifikata fis-7 ta' Lulju, 2016 u fil-15 ta' Settembru, 2016 pprezentat twegiba. Ferm wara t-tmintax il-gurnata li fihom kellha tipprezenta t-twegiba.

5.3 Skont regolament 4 tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar (L.S. 380.01) il-konvenuta kellha:

(a) Thallas l-ammont mitlub mill-attrici; jew
(b) Tipprezenta twegiba fi zmien tmintax-il gurnata min-notifika fejn:

i. Tammetti t-talba jew parti minnha;
ii. Topponi t-talba jew parti minnha;
iii. Tressaq rikonvenzjoni kontra l-atturi.

5.4 Il-konvenuta m'ghamlet xejn minn dan u xorta qeghda tippretendi li ghandha *"tithalla tressaq id-difizi kollha spettanti lilha..."*. Din il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament.

5.5 B'dak ir-ragunament ikun ifisser li l-konvenuta tista' ma tipprezentax twegiba u xorta jkollha jedd topponi t-talba billi taghti eccezzjonijiet u tressaq xhieda li trid. Dan iwassal ghal sitwazzjoni fejn it-twegiba ssir ghal xejn. Sahansitra fit-twegiba hemm spazju rizervat fejn il-konvenut ghandu jiddikjara min huma x-xhieda li jrid iressaq bi prova tal-kaz tieghu.

5.6 Il-konvenut ghamlet riferenza ghall-artikolu 7(1) tal-Kap. 380, li fil-fehma tal-qorti m'ghandux l-ebda rilevanza ghal dan l-aggravju.

5.7 Ghall-qorti hu evidenti li sabiex konvenut jopponi talba quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, ghandu obbligu li jipprezenta twegiba fit-terminu kontemplat f'regolament 4 tal-L.S. 380.01. Il-fatt li f'Kap. 380 m'hemmx disposizzjoni simili ghal dik tal-kontumacja li hemm fil-Kap. 12, ma jsahhahx l-argument tal-konvenuta.

5.8 Il-konvenut jibda biex jaghmel il-kaz tieghu fit-twegiba, u mbaghad skont l-artikolu 11 jista' jressaq provi (xhieda u dokumenti) bi prova tal-kaz tieghu.

5.9 L-artikolu 13 tal-Kap. 380 japplika biss fejn il-konvenut jonqos milli jidher ghas-seduta u jaghmilha cara li qorti tista' tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fl-assenza tieghu. B'daqshekk ma jfissirx li jgieb fix-xejn dak li jrid regolament 4 tal-L.S. 380.01 sabiex ikun jista' jopponi t-talba tal-attur.

5.10 Fl-ebda stadju tal-proceduri l-konvenuta ma pprovat tiggustifika ghalfejn m'opponitx it-talba bil-mod li jrid regolament 4.

6. **<u>Obbligu li Tribunal iqajjem eccezzjoni *ex officio*</u>**.

6.1 Dan l-aggravju hu superfluwu ghaliex il-qorti ser tiddeciedi li t-Tribunal kellu l-kompetenza biex jikkunsidra u jiddeciedi l-kawza.

7. **<u>Kompetenza *ratione materiae* tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar</u>**.

7.1 Il-pretensjoni tal-atturi hi '*money claim*'. Fil-fatt huma talbu l-hlas lura ta' hamest elef ewro (€5,000) li hallsu lill-konvenuta meta xtraw *solar panels* minghandha. Il-hlas sar fil-25 ta' Gunju, 2014.

7.2 Il-fatt li t-Tribunal kellu jiddeciedi jekk il-pannelli li nxtraw kinux tal-kwalita' pattwita ma jfissirx li l-kaz ma jitrattax *money claim*. Kawza biex attur jithallas lura somma flus li jkun sellef lil haddiehor hi wkoll *money claim* minkejja li jrid jigi determinat kienx hemm self. L-istess fejn l-attur iharrek lill-konvenut biex jithallas bilanc ta' prezz ta' bejgh, u fejn il-konvenut ikun qieghed isostni li m'hemmx bejgh. It-Tribunal irid jiddetermina jekk kienx gie konkluz bejgh.

8. **<u>L-azzjoni kienet improponibbli ghaliex is-*solar panels* kienu gew konsenjati fl-20 ta' Gunju, 2014.</u>**

8.1 Fl-ewwel lok il-konvenuta ma tistax tinqeda b'rikors tal-appell biex taghti eccezzjonijiet li suppost inghataw quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u li ma tatx ghaliex m'opponitx it-talba skont kif irid regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 380.01. Dan fejn ma tkunx iggustifikat in-nuqqas taghha li topponi t-talba fit-terminu kontemplat mil-ligi.

8.2 F'kull kaz ghalkemm irrizulta li l-pannelli kienu fizikament konsenjati fl-20 ta' Gunju, 2014 (fol. 12), fid-dokument jinghad li l-prezz ta' €5,000 ghandu jithallas "*by personal cheque upon installation*". L-ircevuta tal-hlas datata 25 ta' Gunju, 2014 (fol. 13), kif inhu l-kont. Dan jaghti lill-qorti x'tifhem li l-installazzjoni tal-pannelli saret fil-25 ta' Gunju, 2014. Hu minn dakinhar li fl-ahjar ipotezi ghall-konvenuta t-terminu ghandu

jiddekkorri. F'dan il-kaz ma kienx possibbli li jigi determinat li l-pannelli ma kinux tal-kwalita' pattwita jekk ma jkunux installati u jithaddmu. Kien biss bl-uzu li gie determinat li l-pannelli li kienu gew konsenjati kienu qeghdin jiggeneraw 16.6% inqas energija milli suppost.

8.3 L-atturi pprezentaw il-kawza fis-17 ta' Gunju, 2016. Ghaldaqstant, l-aggravu hu bla bazi wkoll fil-meritu.

9. **<u>L-improponibilta' tal-kawza ghaliex l-attur ma ddepozitax il-pannelli oggett tal-kawza.</u>**

9.1 Fl-ewwel lok ma jezistix post fejn wiehed jista' jiddepozita' mobbli ta' din ix-xorta taht l-awtorita' tal-Qorti.

9.2 Fit-tieni lok il-pannelli twahhlu u tqabbdu mill-konvenuta. Hu evidenti li ghalkemm l-attur ilmentaw, ma nghatawx widen. L-attur m'ghandux ikun mistenni li jzarma l-pannelli u l-komunikazzjoni li hemm maghhom, meta ghadhom taht garanzija u trid tkun persuna tas-sengha u li tifhem sabiex tnehhihom.

9.3 F'dan ir-rigward hi rilevanti s-sentenza li rriferew ghaliha l-atturi, **Sfolcini vs Eurosat Malta Ltd** tal-Prim'Awla tal-24 ta' Novembru, 2000. Il-qorti qalet:

> *"Din il-gurisprudenza turi illi dak li hu mehtieg biex ix-xerrej ikun jista' jirrifjuta l-haga wkoll wara l-kunsinna hu li din tkun res adhuc integra; ma hix mehtiega l-formalita' tad-depozitu fil-qorti, ghalkemm dan, naturalment, ikun pass ghaqli li, izda, mhux dejjem ikun possibbli jew fattibbli ghax jista' jigri, bhal fil-kaz tal-lum, li biex il-haga titnehha minn fejn tkun tqieghdet ghand ix-xerrej ikunu mehtiega teknika u ghodod li x-xerrej ma jkollux".*

10. **<u>Nuqqas ta' valur probatorju tar-rapport tal-Inginier Michael Attard.</u>**

10.1 It-Tribunal ghal Talbiet Zghar innomina lill-Inginier Michael Attard sabiex, *"jirrelata dwar jekk is-solar panels ikkonsenjati lill-atturi kinux tal-kwalita pattwita fil-mument li dawn gew installati fuq il-bejt tal-atturi. Spejjez provizorjament a karigu tal-atturi"* (13 ta' Gunju, 2017).

10.2 Fit-12 ta' Gunju, 2018 il-perit tekniku ikkonferma r-rapport bil-gurament (ara fol. 104) quddiem id-Deputat Registratur Mario Mifsud.

10.3 Il-konvenuta qalet ukoll li, *"... ma jistax jinghad li saret l-investigazzjoni mehtiega sabiex jigi stabbilit jekk il-pannelli in kwistjoni kinux tal-kwalita' pattwita fil-mument li gie perfezzjonat il-kuntratt ta' bejgh relattiv".* Hu evidenti li sa mill-bidunett minn meta bdew jintuzaw il-pannelli, irrizulta li ma kinux efficjenti kif suppost. Dan jirrizulta bl-iktar mod car mir-rapport tal-perit tekniku.

10.4 Ladarba l-pannelli kienu qeghdin jiggeneraw inqas energija minn dak imwieghed b'16.6%, allura m'humiex tal-kwalita' pattwita. Dan irrispettivament x'kienet ir-raguni ghal dak in-nuqqas.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-kumpannija appellanti.**

Anthony Ellul.